**Karti tal-Flus Maltin tar-Raba' Serje (bla valuta legali)**

Fis-17 ta' Marzu 1986, il-Bank Ċentrali ta' Malta kien ħareġ serje ġdida ta' karti tal-flus taħt il-programm tar-Raba' Serje tal-BĊM. Dawn il-karti tal-flus kienu tad-denominazzjonijiet Lm2, Lm5, Lm10 u Lm20, u din kienet l-ewwel darba li l-Awtoritajiet Monetarji kienu ħarġu tnejn minnhom (iż-Lm2 u l-Lm20).

Fuq in-naħa ta' quddiem ta' kull karta tal-flus tar-raba' serje tidher ix-xbieha tal-President ta' dari tar-Repubblika, is-Sinjorina Agatha Barbara; mirkeb Malti qadim tal-qlugħ tradizzjonali; mappa tal-Gżejjer Maltin; ħamiema żżomm fergħa taż-żebbuġ, u t-tema ta' garigori imnaqqxin mill-maqdes neolitiku l-magħruf ta' Ħal-Tarxien li kien instab fl-1914. L-erba' mriekeb tal-qlugħ jirrappreżentaw il-ħidma stabilita tal-bini ta' l-imriekeb li l-Gżira kienet magħrufa għaliha sad-dsatax-il seklu. Malta hi mogħnija bl-imqades preistoriċi u għalhekk kienet ħaġa xierqa li oġġett tat-tiżjin minn wieħed mill-aqwa fosthom kellhom jinqdew bih sabiex jorqmu l-ġmiel artistiku ta' dawn il-karti tal-flus. Fuq in-naħa ta' wara ta' dawn il-karti tal-flus jidhru vinjetti li juru bosta ħidmiet ta' natura tradizzjonali jew kummerċjali, kif ukoll monument simboliku u bini ta' kwalitajiet arkitettoniċi mill-aqwa. Jinġiebu wkoll tliet dehriet panoramiċi. L-arma tar-Repubblika tidher ukoll fuq in-naħa ta' wara ta' kull karta tal-flus. Il-kliem "Bank Ċentrali ta' Malta" jidher fuq iż-żewġ naħat ta' dawn il-karti tal-flus.

Fost l-karatteristiċi tas-sigurta' li wieħed jista' jara b'għajnejh mingħajr l-għajnuna ta' xi tagħmir speċjali jinsabu t-tinqix bi lwien imżewqa, ix-xbieha trasparenti ta' ras allegorika, u l-fil tas-sigurtà. Aktar karatteristiċi tas-sigurtà jidhru biss permezz ta' lampi ultravjola. Dawn il-karti tal-flus, maħdumin minn Thomas de la Rue Limited, Renju Unit, kienu jigu stampati permezz ta' pjanċa diretta bl-intall bl-istampar litografiku bħala sfond.

**Il-Karta tal-Flus taż-Lm2**







**Quddiem** **Wara**

Il-lewn predominanti ta' din il-karta tal-flus hu l-aħmar, u l-qisien tagħha huma ta' 138mm b'65mm. Il-mirkeb qadim Malti tal-qlugħ li jidher fuq quddiem hu l-"Brigantin" (1531). In-naħa ta' wara kienet stampata b'bosta naqxiet ta' aħmar u isfar, u fiha vinjetta tad-dehra mill-ajru tal-port ta' Marsaxlokk, li hu stazzjon tal-ġarr internazzjonali minn vapur għall-ieħor. Hawnhekk jintwera wkoll wieħed mill-krejnijiet fuq pedestall imqiegħed fejn hemm il-proġett tal-ġarr minn vapur għall-ieħor.

Din il-karta tal-flus intemmitilha l-valuta legali tagħha fil-15 ta' Ġunju 1998, u għalhekk baqgħet tissarraf mill-Bank Ċentrali ta' Malta sas-16 ta' Ġunju 2008.

**Il-Karta tal-Flus tal-Lm5**







**Quddiem** **Wara**

Il-lewn predominanti ta’ din il-karta tal-flus hu l-ikħal u l-qisien tagħha huma 145mm b’69mm. Il-mirkeb tal-qlugħ qadim Malti li jidher fuq quddiem hu l-“Ixprunara” (1798). Fuq wara ta’ din il-karta tal-flus tinsab id-dehra tal-Bajja tal-Mellieħa, post popolari man-nies fil-btajjel tas-sajf. Tidher ukoll mara taħdem il-bizzilla, li hi sengħa tradizzjonali li x-xogħol tagħha hu mfittex ħafna min-nies, u sajjied jagħmel in-nases, li dari kienu jintużaw wisq aktar mil-lum għas-sajd.

Din il-karta tal-flus intemmitilha l-valuta legali tagħha fil-15 ta’ Ġunju 1998, u għalhekk baqgħet tissarraf mill-Bank Ċentrali ta’ Malta sas-16 ta’ Ġunju 2008.

**Il-Karta tal-Flus ta’ l-Lm10**







**Quddiem** **Wara**

L-aħdar hu l-lewn prevalenti fuq il-karta tal-flus ta’ l-Lm10 li l-qisien tagħha huma 152mm b’72.5mm, bit-“Tartana” (1740) tidher fuq quddiem bħala l-mirkeb qadim Malti. Il-vinjetta li tidher fuq wara tħaddan fiha dehra tal-Port il-Kbir b’biċċa mit-Tarzna ta’ Malta tidher fuq quddiem nett. Din kienet waħda mill-akbar industriji tal-pajjiż. Il-bini tal-Bank Ċentrali ta’ Malta jidher fl-isfond.

Din il-karta tal-flus tneħħitilha l-valuta legali fit-13 ta’ Settembru 2000, u se tibqa’ tissarraf fil-Bank Ċentrali ta’ Malta sat-13 ta’ Settembru 2010.

**Il-Karta tal-Flus ta’ l-Lm20**







**Quddiem** **Wara**

Din il-karta tal-flus, 159mm b’76mm, għandha lewnha msawwar minn bosta naqxiet tal-kannella, bix-“Xambekk” (1743) miġjub fuq quddiem. Fuq wara jidhru, fuq quddiem nett il-mafkar li hemm l-Imsida li hu moħtar lill-Ħaddiem Malti, u fl-isfond, id-dehra mill-ġenb tal-Berġa ta’ Kastilja, li hi ġawhra ta’ arkitettura Barokka mibnija fil-Belt Valletta mill-Kavallieri ta’ San Ġwann ta’ Ġerusalemm sabiex taqdi l-ħtiġijiet

tal-kavallieri ta’ nisel Kastiljan. Il-Berġa llum qiegħda tintuża bħala l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Din il-karta tal-flus intemmitilha l-valuta legali fit-30 ta’ Novembru 1992, u kienet għadha tista’ tissarraf mill-Bank Ċentrali ta’ Malta sat-2 ta’ Diċembru 2002.